MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tal-31 ta' Lulju, 2008

Citazzjoni Numru. 9/2008

George Portelli

Vs

Jonathan Grech

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat prezentat minn Jonathan Grech fit-22 ta' Jannar 2008 li permezz tieghu talab li l-Qorti:-

1. Tordna s-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tas-sentenza moghtija fit-22 ta' Novembru 2007 fl-ismijiet **George Portelli vs Jonathan Grech** (Cit. Nru:- 94/1997).

2. Taghti dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa.

Proceduri li saru ai termini tal-Artikolu 823(2) tal-Kap. 12. Kontestwalment ma' dan ir-rikors, ir-rikorrent ipprezenta

proceduri ta' ritrattazzjoni kontra George Portelli mill-kawza fl-ismijiet **George Portelli vs Jonathan Grech** (Cit. Nru:- 94/1997) deciza fit-22 ta' Novembru 2007 u minn liema sentenza ma giex intavolat appell.

Permezz ta' risposta prezentata fit-3 ta' Marzu 2008 l-intimat eccepixxa:-

1. L-improponibilita' ta' din il-kawza u dan peress li t-talba ghas-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni ta' sentenza ma ssirx permezz ta' rikors guramentat imma b'semplici rikors (Artikolu 823 tal-Kap. 12).
2. It-talba ghas-sospensjoni ma tistax tigi milqugha ghaliex ir-rikorrent naqas milli josserva dak li jipprovdi l-Artikolu 823 tal-Kap. 12.
3. Ma jezistux ic-cirkostanzi kontemplati mill-Artikolu 823 tal-Kap. 12 sabiex il-Qorti tilqa' t-talba ghas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tas-sentenza.
4. Bhala principju generali, it-talba ghar-ritrattazzjoni ma twaqqafx l-esekuzzjoni tas-sentenza.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' April 2008 minn fejn jirrizulta li r-rikors gie differit ghall-ghoti ta' provvediment finali.

Ikkunsidrat:-

1. Illum stess qeghda tigi deciza l-kawza ta' ritrattazzjoni fl-istess ismijiet (rikors numru 8/2008) fejn il-Qorti ddikjarat li l-proceduri huma frivoli u vessatorji.

2. Fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni hu minnu li l-Artikolu 823 jipprovdi li l-procedura biex tintalab is-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tas-sentenza hi permezz ta' rikors. Madankollu l-fatt li r-rikors gie konfermat bil-gurament m'ghandux b'daqshekk iwassal ghal xi nullita'. Ghalhekk din l-eccezzjoni hi minghajr bazi.

3. Ghal dik li hi t-tieni eccezzjoni, l-Artikolu 823(2)(a) jipprovdi:

(*a*) flimkien mat-talba tagħha dik il-parti tagħti garanzija tajba għall-esekuzzjoni tas-sentenza, jekk ma tiġix imħassra, magħduda dik il-garanzija kif imsemmija fl-artikolu 266(10); u

Din il-Qorti diga' kellha l-opportunita li tittratta dan il-provvediment fid-decizjoni **Peter Muscat et vs Mario Muscat et** 2 ta' Mejju 2008 deciza fit-2 ta' Mejju 2008 u a skans ta' ripetizzjoni qeghda taddotta l-istess fehma, cjoe' li: *".....l-fatt biss li ma tinghatax garanzija kontestwalment mal-prezentata tal-proceduri, ma tippregudikax il-posizzjoni tal-attur"*[1]. Inoltre, hu x'inhu l-kaz, fil-mertu din il-Qorti ser tghaddi biex tichad it-talba tar-rikorrenti u certament m'hemmx lok ghall-ghoti ta' xi garanzija.

4. Fil-mertu l-Qorti tqis li l-ezekuzzjoni tas-sentenza ma tista' twassal ghal ebda pregudizzju min-naha tar-rikorrent[2] u inoltre r-rikorrent ma rnexxilux li jaghti prova li:-

(*b*) jiġi muri għas-sodisfazzjon tal-qorti illi l-esekuzzjoni tas-sentenza aktarx tikkaġuna preġudizzju akbar lil dik il-parti milli t-twaqqif ta' l-esekuzzjoni tkun tikkaġuna lill-parti kuntrarja.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda filwaqt li tichad l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-intimat George Portelli bl-ispejjez kontra tieghu, tilqa' t-tielet eccezzjoni u ghalhekk tichad it-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------

[1] Ara riferenza ta' gurisprudenza li saret f'dawk il-proceduri.
[2] Permezz tas-sentenza moghtija fit-22 ta' Novembru 2007, ir-rikorrent gie kkundannat ihallas lill-intimat is-somma ta' hdax-il elf sitt mija u sitta u erbghin euro u sebgha u tmenin centezmu (Lm11,646.86).